MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2005

Numru 858/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Roland Cassar**
v

**JEFFREY SPITERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JEFFREY SPITERI** ta' erbgha w ghoxrin sena bin missier mhux maghruf u Rita nee Borg, imwieled Pieta` nhar it-tnejn ta Ottubru 1982 u residenti 75, Triq il-Marsa, Marsa, detentur tal-karta tal-identita` numru 054182M kien gie imressaq quddiemha akkuzat;

1. Talli fit-tletin ta' Settembru 2004 ikkommetta r-reat ta' serq minn gewwa kamra fl-iskola ta' Maria Regina fil-Hamrun liema serq huwa ggravat bil-valur

ta' aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin u cioe s-somma ta' mija tnejn u sittin lira maltin ghad-dannu ta' Elizabeth Lourdes Marianai;

2. Talli fis-sebgha ta' Ottubru 2004, ikkommetta serq minn go kamra fl-iskola tal-Marsa go ghalqa liema serq huwa aggravat bil-valur ta' inqas minn mitt lira maltin u dan ghad-dannu ta' Giovanna Zammit;

3. Talli kien fil-pussess ta' arma bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

4. Talli jinsab recidiv b'sentenza li saret definittiva moghtija nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Awissu 2004 mill-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna.

Il-Qorti kienet giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi fil-hatra ta' esperti.

Il-Qorti kienet semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar s-sebgha ta' Ottubru 2004 u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti ma kelliex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti kienet semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Il-Qorti kienet wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk irid setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu kienet giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tas-sebgha ta' Ottubru, 2004 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, l-imputat kien nstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Il-Qorti rat s-sentenza moghtija minnha nhar l-hmistax ta' Dicembru 2004 [fol 64] fejn kienet iddecidiet li tpoggi lill-imputat taht ordni ta' Probation ghall-perjodu massimu permess mill-ligi u li l-kundizzjoni ewlenija ta' din il-Probation Order f'dik is-sentenza kienet li l-imputat kellu jaghti kampjuni tal-awrina tieghu sabiex jigu analizzati ghall-presenza tad-droga u li kellu jobdi d-direttivi kollha li jigu mghotija lilu mill-Ufficjal tal-Probation.
Rat li f'dik is-sentenza l-Qorti kienet ordnat lill-imputat ihallas l-ispejjes koncernati man-nomina tal-psikjatra Dottor Joseph Cassar fl-ammont ta' wiehed u sebghin lira maltin u hamsin centezmu [LM 71.50] liema flejjes ghandhom jithallsu mill-imputat fiz-zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat mid-Direttur tal-Qorti.

Rat n-nota tal-Ufficjal tal-Probation Trevor Calafato ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-wiehed w ghoxrin ta' Frar 2005 fejn informa lil Qorti li l-imputat probationer naqas li jzomm kuntatt mieghu, li ma hux qed jaderixxi ruhu mad-direttivi moghtija lilu mill-istess Probation Officer sabiex huwa jiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga u li naqas li jzomm kuntatt regolari mac-centru ta' rihabilitazzjoni fejn kien jittehidlu l-kampjun tal-awrina hekk kif mitlub mill-Qorti.

**Illi fis-seduta tal-21 ta' Marzu, 2005 deher l-imputat probationer il-Qorti u ddikjara** li huwa ghad ghandu problema ta' abbuz ta' droga u li m'huwiex qed izomm kuntatt regolari mal-Ufficjal tal-Probation.

Semghet lill-istess imputat probationer jiddikjara li m'ghandux bzonn l-assistenza ta' avukat difensur u wara li l-Qorti spjegat l-import tad-denunzja tal-Probation Officer lilu, il-Qorti semghet lill-imputat jiddikjara li huwa hati talli kiser il-kundizzjoni tal-ordni tal-Probation mghotija lilu fis-sentenza taghha fl-ismijiet premessi nhar il-hmistax ta' Dicembru, 2004.

Illi l-artikolu 21(2) tal-Kap 466 jipprovdi dwar ksur ta' kondizzjonijiet f'ordni ta' probation meta jghid:

*"Jekk jigi ppruvat ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li min ikun taht probation ikun naqas milli jhares xi htiega ta' ordni ta' sanzjoni fil-komunita, dik il-Qorti tista minghajr pregudizzju ghat-tkomplija tas-sanzjoni, twahhal lil hati amenda … jew tista tittratta ma min ikun taht probation ghar-reat li dwaru tkun saret s-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-Qorti tista tittratta lil hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dak r-reat."*

Issa fil-kaz in ezami, din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza taghha tal-hmistax ta' Dicembru 2004 kienet illimitat ruhha ghal ordni tal-probation biss u ma kienetx ikkundannat lill-imputat ghal xi piena ohra. Jigifieri f'dik is-sentenza din il-Qorti kienet ttrattat mal-hati billi poggietu taht probation order biss u ghalhekk thoss f'dawn ic-cirkostanzi hi ghandha titratta mal-imputat probationer mill-gdid daqs li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn din il-Qorti ghal dak ir-reat ta' serq aggravat bil-valur.

**Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 21(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, rinfaccata bil-ksur tal-kondizzjonijiet ta' ordni tal-probation da parti tal-imputat probationer JEFFREY SPITERI din il-Qorti qieghda titratta mal-imputat mill-gdid u qed tikkundannah piena karcerarja ta' sitt xhur.**

**Il-Qorti wara li semghet lill-imputat jghid li ma kellux minn fejn ihallas l-ispejjez tal-periti fis-somma ta' wiehed u sebghin lira u hamsin centezmu [Lm71.50] kif kien orndat li jhallas permezz ta' sentenza fuq citata tal-hmistax ta' Dicembru, 2004, l-Qorti qieghda tikkonverti l-ispejjez peritali fl-ammont fuq indikat f'perjodu ta' detenzjoni ta' hmistax il-jum u dan b'zieda ghall-perjodu ta' prigunerija ta' sitt xhur mghotija permezz ta' din is-sentenza.**

**Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Qorti Kriminali.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------